KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fis-6 ta’ Mejju 2021[1]

**Kawża C-819/19**

**Stichting Cartel Compensation,**
**Equilib Netherlands BV**
**vs**
**Koninklijke Luchtvaart Maatschappij NV,**
**Martinair Holland NV,**
**Deutsche Lufthansa AG,**
**Lufthansa Cargo AG,**
**British Airways plc,**
**Société Air France SA,**
**Singapore Airlines Ltd,**
**Singapore Airlines Cargo Pte Ltd,**
**Swiss International Air Lines AG,**
**Air Canada,**
**Cathay Pacific Airways Ltd,**
**Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden**
**SAS AB**
**SAS Cargo Group A/S**

(talba għal deċiżjoni preliminari mir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali, Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 101 TFUE u Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE – Regoli ta’ implimentazzjoni tal-Artikolu 103 TFUE – Sistema tranżitorja tal-Artikoli 104 u 105 TFUE – Ftehimiet u prattiki miftiehma dwar diversi elementi għall-iffissar tal-prezz ta’ servizzi ta’ trasport ta’ merkanzija bl-ajru (impożizzjoni ta’ ħlasijiet supplimentari għal fjuwil u għas-sigurtà, rifjut ta’ ħlas ta’ kummissjoni fuq ħlasijiet supplimentari) – Azzjoni ta’ danni – Effett dirett – Kompetenza tal-qrati nazzjonali”

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

## I. Introduzzjoni

1. Stichting Cartel Compensation u Equilib Netherlands BV (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") qegħdin jitolbu sentenza dikjaratorja u danni kontra l-konvenuti[2] minħabba li aġixxew bi ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE") billi kkoordinaw diversi elementi tal-prezz li kellu jitħallas għal servizzi ta' trasport ta' merkanzija bl-ajru fuq rotot bejn ajruporti fi u mill-Unjoni Ewropea u ż-ŻEE.

2. Dik il-prattika allegatament seħħet fi żmien meta l-Kunsill kien għadu ma adottax dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għal ċerti partijiet tas-settur tat-trasport bl-ajru sabiex jagħti "effett sħiħ" lill-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 101 TFUE. Għal dik ir-raġuni, il-konvenuti jsostnu li l-kompetenza għall-infurzar tal-Artikolu 101 TFUE baqgħet unikament għand l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u għand il-Kummissjoni Ewropea skont is-"sistema tranżitorja" prevista fl-Artikoli 104 u 105 TFUE.

3. Din il-kawża tqajjem il-kwistjoni tal-kompetenza ta' qrati nazzjonali sabiex japplikaw l-Artikolu 101(1) TFUE u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE għal prattiki antikompetittivi li kienu seħħew matul dik is-"sistema tranżitorja". Madankollu, dik il-kwistjoni forsi teknika u limitata temporanjament, imbagħad, tagħti lok għal kwistjoni iktar fundamentali dwar l-(inter)dipendenza ta' infurzar pubbliku (amministrattiv) u privat (ġudizzjarju) ta' regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. It-TFUE*

4. L-Artikoli 101 sa 105 TFUE jistabbilixxu r-regoli dwar il-kompetizzjoni. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma rilevanti għal din il-kawża:

"Artikolu 101

(ex Artikolu 81 TKE)

1. Is-segwenti għandhom ikunu inkompatibbli mas-suq intern u għandhom ikunu projbiti: l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' [deċiżjonijiet ta'] assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, partikolarment dawk li jinvolvu:

[…]

2. L-akkordji jew deċiżjonijiet projbiti bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkunu awtomatikament nulli.

[2] Koninklijke Luchtvaart Maatschappij NV; Martinair Holland NV; Deutsche Lufthansa AG; Lufthansa Cargo AG; British Airways plc; Société Air France SA; Singapore Airlines Ltd; Singapore Airlines Cargo Pte Ltd; Swiss International Air Lines AG; Air Canada; Cathay Pacific Airways Ltd; Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden; SAS AB; u SAS Cargo Group A/S (flimkien, iktar 'il quddiem il-"konvenuti").

3. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 jistgħu jiġu dikjarati inapplikabbli fil-każ ta' xi wieħed milli ġejjin, jiġifieri:

– akkordji jew kategoriji ta' akkordji bejn impriżi,

– deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew kategoriji ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi,

– prattiċi miftiehma jew kategoriji ta' prattiċi miftiehma,

li jikkontribwixxu sabiex itejbu l-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' prodotti, jew sabiex jippromwovu progress tekniku jew ekonomiku waqt li fl-istess ħin, jassiguraw li l-konsumaturi jkollhom sehem ġust mill-benefiċċji li joħorġu minnhom, izda li ma:

(a) jimponux fuq l-impriżi interessati restrizzjonijiet li ma jkunux indispensabbli għall-kisba tal-għanijiet ta' hawn fuq;

(b) jagħtux lil dawn l-impriżi l-possibiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni f'parti sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.

[…]

Artikolu 103

(ex Artikolu 83 TKE)

1. Ir-regolamenti jew id-direttivi xierqa għall-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 101 u 102 għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

2. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom l-għan, partikolarment:

[…]

(b) biex jiddeterminaw il-modalitajiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3), b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ħtieġa li jassiguraw superviżjoni adegwata flimkien mal-iktar simplifikazzjoni massima possibbli ta' kontroll amministrattiv;

(c) fejn meħtieġ, sabiex jiddefinixxu l-ambitu tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 101 u 102 dwar id-diversi setturi ekonomiċi;

[…]

Artikolu 104

(ex Artikolu 84 TKE)

Sa meta l-miżuri meħuda fl-applikazzjoni tal-Artikolu 103 jidħlu fis-seħħ, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiddeċiedu fuq l-ammissibbiltà ta' akkordji u fuq kwistjonijiet dwar kull abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-suq intern, skond il-liġijiet tal-pajjiżi tagħhom u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 101, speċjalment il-paragrafu 3, u tal-Artikolu 102.

Artikolu 105

(ex Artikolu 85TKE)

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 104, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-applikazzjoni tal-prinċipji li hemm fl-Artikoli 101 u 102. Fuq talba ta' Stat Membru, jew fuq inizjattiva tagħha stess, hija għandha tinvestiga, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jipprestaw l-assistenza tagħhom, kull ksur suspettat tal-prinċipji msemmija hawn fuq. Jekk issib li dak il-ksur ikun ġara, hija għandha tipproponi mezzi xierqa sabiex twaqqfu.

2. Jekk dak il-ksur ikompli, il-Kummissjoni għandha toħroġ deċiżjoni motivata li tirreġistra l-ksur tal-prinċipji. Il-Kummissjoni tista' tippubblika d-deċiżjoni tagħha u tista' tawtorizza lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni skond il-kondizzjonijiet u fil-modalitajiet li jiġu preskritti mill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti dwar il-kategoriji ta' ftehim li fir-rigward tagħhom il-Kunsill ikun adotta regolament jew direttiva skond l-Artikolu 103(2)(b)."

### *B. Il-Ftehim ŻEE*

5. Il-Ftehim ŻEE għandu l-għan li "jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u bilanċjat tal-kummerċ u tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Partijiet Kontraenti b'kondizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni, u l-osservanza tal-istess regoli, bil-ħsieb li tinħoloq [ŻEE] omoġenea [...]"[3].

6. L-Artikolu 6 tal-Ftehim ŻEE jgħid:

"Minghajr pregudizzju ghal żviluppi futuri tal-gurisprudenza, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, sa fejn huma identici fis-sustanza ghar-regoli korrispondenti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faham u l-Azzar u ghall-atti adottati fl-applikazzjoni taż-żewg Trattati, ghandhom, fl-implimentazzjoni u fl-applikazzjoni taghhom, jigu interpretati b'konformità mad-deciżjonijiet rilevanti tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej moghtija qabel id-data tal-firma ta' dan il-Ftehim."

7. L-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE huwa essenzjalment identiku għall-Artikolu 101 TFUE.

8. Skont Artikolu 55 tal-Ftehim ŻEE:

"1. Minghajr pregudizzju ghad-dispożizzjonijiet li jaghtu effett lill-Artikoli 53 u 54 kif jinsabu fil-Protokoll Nru 21 u fl-Anness XIV ta' dan il-Ftehim, il-Kummissjoni tal-KE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA msemmija fl-Artikolu 108(1) ghandhom jiżguraw l-applikazzjoni tal-principji stabbiliti fl-Artikoli 53 u 54.

L-awtorità kompetenti ta' sorveljanza, kif previst fl-Artikolu 56, ghandha tinvestiga każijiet ta' suspett ta' infrazzjoni ta' dawn il-principji, fuq inizjattiva taghha stess, jew wara applikazzjoni minn Stat fit-territorju rispettiv jew mill-awtorità l-ohra ta' sorveljanza. L-awtorità kompetenti ta' sorveljanza ghandha twettaq dawn l-investigazzjonijiet b'koperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fit-territorju rispettiv u b'koperazzjoni mal-awtorità l-ohra ta' sorveljanza, li ghandha taghti l-ghajnuna taghha skond ir-regoli interni taghha.

[3] Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3), Artikolu 1(1).

Jekk issib li kien hemm infrazzjoni, għandha tipproponi miżuri xierqa biex iġġib l-infrazzjoni fi tmiem.

2. Jekk l-infrazzjoni ma tinġiebx fi tmiem, l-awtorità kompetenti ta' sorveljanza għandha tirreġistra din l-infrazzjoni tal-prinċipji f'deċiżjoni li fiha jingħataw ir-raġunijiet.

L-awtorità kompetenti ta' sorveljanza tista' tippubblika d-deċiżjoni tagħha u tawtorizza l-Istati fit-territorju rispettiv biex jieħdu l-miżuri, li dwarhom tiddetermina l-kondizzjonijiet u ddettalji, li jinħtieġu biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Tista' ukoll titlob lill-awtorità ta' sorveljanza l-oħra biex tawtorizza Stati fit-territorju rispettiv biex jieħdu dawk il-miżuri."

## III. Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domandi magħmula

9. Fid-9 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni Ewropea adottat id-Deċiżjoni C(2010) 7694 finali li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 [TFUE], l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru[4] (Kawża C.39258 – Trasport ta' merkanzija bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 2010")[5].

10. Skont l-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni 2010, instab li kien hemm għadd ta' trasportaturi li kienu involuti fil-koordinazzjoni ta' diversi elementi tal-prezz li kellu jintalab għal servizzi ta' trasport ta' merkanzija bl-ajru fuq rotot bejn ajruporti fl-Unjoni u/jew fiż-ŻEE; bejn ajruporti fl-Unjoni u/jew fiż-ŻEE u pajjiżi terzi; u bejn ajruporti fl-Unjoni u fl-Isvizzera, bi ksur tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim Svizzeru, għal perijodi differenti (iktar 'il quddiem il-"kondotta inkwistjoni"). Skont id-Deċiżjoni 2010, dak il-ksur dam b'kollox minn Diċembru 1999 sa Frar 2006.

11. Fis-sentenzi tagħha tas-16 ta' Diċembru 2015, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat parzjalment id-Deċiżjoni 2010 fil-konfront tar-rikorrenti fil-kawżi quddiemha[6]. Essenzjalment, il-Qorti Ġenerali sabet li d-Deċiżjoni 2010 kienet ivvizzjata minn kontradizzjonijiet bejn il-motivi u d-dispożittiv tagħha[7].

12. Fis-17 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2017) 1742 finali 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (Kawża AT.39258 – Trasport ta' merkanzija

[4] Iktar 'il quddiem il-"Ftehim Svizzeru".

[5] Kawża C.39258 – Trasport ta' merkanzija bl-ajru (ĠU 2014 C 371, p. 11).

[6] Sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2015, Air Canada vs Il-Kummissjoni (T-9/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:994); tas-16 ta' Diċembru 2015, Koninklijke Luchtvaart Maatschappij vs Il-Kummissjoni (T-28/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:995); tas-16 ta' Diċembru 2015, Japan Airlines vs Il-Kummissjoni (T-36/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:992); tas-16 ta' Diċembru 2015, Cathay Pacific Airways vs Il-Kummissjoni (T-38/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:985); tas-16 ta' Diċembru 2015, Cargolux Airlines vs Il-Kummissjoni (T-39/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:991); tas-16 ta' Diċembru 2015, Latam Airlines Group u Lan Cargo vs Il-Kummissjoni (T-40/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:986); tas-16 ta' Diċembru 2015, Singapore Airlines u Singapore Airlines Cargo vs Il-Kummissjoni (T-43/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:989); tas-16 ta' Diċembru 2015, Deutsche Lufthansa *et* vs Il-Kummissjoni (T-46/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:987); tas-16 ta' Diċembru 2015, British Airways vs Il-Kummissjoni (T-48/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:988); tas-16 ta' Diċembru 2015, *SAS* Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-56/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:990); tas-16 ta' Diċembru 2015, Air France-KLM vs Il-Kummissjoni (T-62/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:996); tas-16 ta' Diċembru 2015, Air France vs Il-Kummissjoni (T-63/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:993) u tas-16 ta' Diċembru 2015, Martinair Holland vs Il-Kummissjoni (T-67/11, EU:T:2015:984).

[7] Ara, pereżempju, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015, Air Canada vs Il-Kummissjoni (T-9/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:994, punt 60).

bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 2017")[8]. Id-Deċiżjoni 2017 żammet is-sustanza tad-Deċiżjoni 2010. Hija kkonfermat ukoll li l-ksur kien dam b'kollox minn Diċembru 1999 sa Frar 2006.

13. Skont is-Sommarju tad-Deċiżjoni 2017, il-Kummissjoni sabet li għadd ta' trasportaturi kienu involuti f'kartell dwar il-kondotta inkwistjoni. Dik il-kondotta kienet tikser l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim Svizzeru. Hija kienet relatata ma' (i) rotot bejn ajruporti fl-Unjoni (iktar 'il quddiem "rotot intra-Unjoni"); (ii) rotot bejn ajruporti fl-Unjoni u ajruporti barra ż-ŻEE (iktar 'il quddiem "rotot Unjoni-pajjiżi terzi"); (iii) rotot bejn ajruporti fiż-ŻEE (iktar 'il quddiem "rotot intra-ŻEE"); (iv) rotot bejn ajruporti f'pajjiżi li huma partijiet kontraenti għall-Ftehim ŻEE, iżda li ma humiex Stati Membri tal-Unjoni, u ajruporti f'pajjiżi terzi ("rotot ŻEE mhux tal-Unjoni-pajjiżi terzi") u (v) rotot bejn ajruporti fl-Unjoni u fl-Isvizzera ("rotot tal-Unjoni-Svizzeri").

14. Is-Sommarju tad-Deċiżjoni 2017 jispeċifika l-ksur u l-impożizzjoni ta' multi għal perijodi differenti fir-rigward ta' rotot differenti kif ġej:

– Għal rotot intra-Unjoni, il-Kummissjoni kienet kompetenti tistabbilixxi ksur u timponi multi għal kondotta fir-rigward ta' trasport bl-ajru bejn ajruporti tal-Unjoni qabel l-1 ta' Mejju 2004. Dan għaliex, *qabel* l-1 ta' Mejju 2004, ir-Regolament (KEE) Nru 3975/87[9] kien ta lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE fir-rigward ta' trasport bl-ajru bejn ajruporti tal-Unjoni biss. Trasport bl-ajru bejn ajruporti tal-Unjoni u ajruporti f'pajjiżi terzi kien, madankollu, eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-regolament.

– Għal rotot Unjoni-pajjiżi terzi, għall-istess raġunijiet, il-kompetenza tal-Kummissjoni kienet limitata għal kondotta li seħħet *wara* l-1 ta' Mejju 2004.

– Għal rotot intra-ŻEE, il-Kummissjoni kienet kompetenti tikkonstata ksur u timponi multi għall-perijodu kollu mill-1999 sal-2006.

– Għal rotot ŻEE mhux tal-Unjoni-pajjiżi terzi, id-Deċiżjoni Nru 130/2004[10] u d-Deċiżjoni Nru 40/2005[11] daħlu fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2005. Minn dik id-data 'il quddiem bdew japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 411/2004[12] u r-Regolament (KE) Nru 1/2003[13] fil-qafas tal-Ftehim ŻEE. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kkonstatatx ksur u ma imponietx multi għal kondotta fir-rigward ta' rotot bejn pajjiżi taż-ŻEE li ma kinux Stati Membri tal-Unjoni u li kienu pajjiżi terzi qabel id-19 ta' Mejju 2005.

8 Id-Deċiżjoni 2017 ma ġietx ippubblikata. Madankollu, hemm sommarju tal-konstatazzjonijiet. Ara s-Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Marzu 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (ĠU 2017 C 188, p. 14) (iktar 'il quddiem is-"Sommarju tad-Deċiżjoni 2017").

9 Regolament tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 262).

10 Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tal-24 ta' Settembru 2004 li temenda l-Anness XIV (Kompetizzjoni), il-Protokoll 21 (dwar l-Implimentazzjoni ta' Regoli tal-Kompetizzjoni Applikabbli għal Impriżi) u l-Protokoll 23 (dwar il-Kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005 L 64, p. 57).

11 Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-11 ta' Marzu 2005 li temenda l-Anness XIII (Trasport) u l-Protokoll 21 (dwar l-Implimentazzjoni ta' Regoli tal-Kompetizzjoni Applikabbli għal Impriżi) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005 L 198, p. 38).

12 Regolament tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2004 li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 3975/87 u jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3976/87 u (KE) Nru 1/2003, f'konnessjoni ma' trasport bl-ajru bejn il-Komunità u pajjiżi terzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 17).

13 Regolament tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

15. Id-Deċiżjoni 2017 ġiet ukoll ikkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali[14] Dawk il-kawżi għadhom pendenti.

16. Fl-istess waqt, ir-rikorrenti bdew proċeduri ċivili kontra l-konvenuti quddiem ir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali, Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi). Dik il-qorti tispjega li dawk il-kumpanniji rikorrenti kienu nħolqu speċifikament sabiex isegwu t-talbiet assenjati lilhom għal danni li jirriżultaw minn dak li kkonstatat il-Kummissjoni dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni.

17. Ir-rikorrenti jitolbu sentenza dikjaratorja u danni. L-ewwel nett, huma jitolbu lill-qorti tikkonstata li l-konvenuti aġixxew illegalment bejn l-1999 u l-2006. Jiġifieri, anki qabel (i) l-1 ta' Mejju 2004 (għal rotot Unjoni-pajjiżi terzi); (ii) id-19 ta' Mejju 2005 (għal rotot ŻEE mhux tal-Unjoni-pajjiżi terzi) u (iii) l-1 ta' Ġunju 2002 għal rotot Unjoni-Svizzera (iktar 'il quddiem il-"perijodi kkontestati"). It-tieni nett, huma jitolbu lill-qorti tar-rinviju tikkundanna lill-konvenuti jħallsu danni u mgħax *in solidum* għall-kondotta antikompetittiva inkwistjoni.

18. Skont il-qorti tar-rinviju, fit-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw l-effett dirett tal-Artikolu 101 TFUE li jistabbilixxi l-kompetenza għall-qorti nazzjonali, u għall-perijodi kkontestati, irrispettivament mill-infurzar amministrattiv tal-liġi tal-kompetizzjoni.

19. Fid-digriet tagħha, il-qorti tar-rinviju tqis li għandha l-kompetenza tapplika l-Artikolu 101 TFUE għall-kondotta inkwistjoni u għall-perijodi kkontestati. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tinnota espressament li dik il-pożizzjoni titbiegħed mis-sentenza tal-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (Ingilterra u Wales) fil-kawża Emerald Supplies Ltd vs British Airways Plc[15], kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Ingilterra u Wales) fil-kawża La Gaitana Farms SA *et* vs British Airways Plc[16].

20. Filwaqt li kellha dubji dwar il-kompetenza tagħha li tapplika l-Artikolu 101(1) TFUE u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE għall-perijodi kkkontestati, ir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali, Amsterdam) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tirrinvija d-domanda li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"F'tilwima bejn partijiet leżi (f'dan il-każ, l-ispedituri, riċevituri ta' servizzi ta' merkanzija bl-ajru) u kumpanniji tal-ajru, il-qorti nazzjonali għandha ġurisdizzjoni – minħabba l-effett dirett tal-Artikolu 101 TFUE, jew mill-inqas tal-Artikolu 53 ŻEE, jew abbażi (l-effett immedjat tal-)Artikolu 6 tar-Regolament 1/2003 – sabiex tapplika b'mod sħiħ l-Artikolu 101 TFUE, jew mill-inqas l-Artikolu 53 ŻEE, fir-rigward tal-ftehimiet/prattiki miftiehma ta' kumpanniji tal-ajru f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi ta' merkanzija fuq titjiriet operati qabel l-1 ta' Mejju 2004 fuq rotot bejn ajruporti fl-Unjoni Ewropea u ajruporti barra ż-ŻEE, jew, qabel id-19 ta' Mejju 2005, fuq rotot bejn l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u ajruporti barra ż-ŻEE, jew, fuq titjiriet operati qabel l-1 ta' Ġunju 2002, bejn ajruporti fl-Unjoni u l-Isvizzera, ukoll għall-perijodu li fih kienet tapplika s-sistema tranżitorja tal-Artikoli 104 u 105 TFUE, jew is-sistema tranżitorja tipprekludi dan?"

14 Kawżi Air Canada vs Il-Kummissjoni (T-326/17), Koninklijke Luchtvaart Maatschappij vs Il-Kummissjoni (T-325/17), Japan Airlines vs Il-Kummissjoni (T-340/17), Cathay Pacific Airways vs IlKummissjoni (T-343/17), Cargolux Airlines vs Il--Kummissjoni (T-334/17), Latam Airlines Group u Lan Cargo vs Il-Kummissjoni (T-344/17), Singapore Airlines u Singapore Airlines Cargo PTE vs Il-Kummissjoni (T-350/17), Deutsche Lufthansa *et* vs Il-Kummissjoni (T-342/17), British Airways vs Il-Kummissjoni (T-341/17), *SAS* Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17), Air France – KLM vs Il-Kummissjoni (T-337/17), Air France vs Il-Kummissjoni (T-338/17) u Martinair Holland vs Il-Kummissjoni (T-323/17).

15 Sentenza tal-Qorti Għolja tal-Ingilterra u Wales (Sezzjoni tal-Ekwità), tal-4 ta' Ottubru 2017 fil-kawża Emerald Supplies Ltd vs British Airways Plc [2017] EWHC 2420 (Ch).

16 Sentenza tal-Qorti Għolja tal-Ingilterra u Wales (Sezzjoni Ċivili) tad-29 ta' Jannar 2019 fil-kawża La Gaitana Farms SA *et* vs British Airways Plc [2019] EWCA Civ 37.

21. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu sottomessi mir-rikorrenti, mill-konvenuti, mill-Gvern Norveġiż, mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ukoll mill-Kummissjoni. Ħlief għall-Gvern Norveġiż, dawk il-partijiet ippreżentaw argumentazzjoni orali fis-seduta li saret fil-21 ta' Jannar 2021.

## IV. Analiżi

22. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. L-ewwel, nibda b'diskussjoni dwar il-kuntest legali ta' dan il-każ (A). Sussegwentement, ngħaddi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE mill-qorti tar-rinviju (B). Wara dan, nindirizza r-regoli ekwivalenti skont il-Ftehim ŻEE (C). Fl-aħħar nett, nikkonkludi b'osservazzjonijiet iktar ġenerali dwar l-infurzar ġudizzjarju ta' regoli tal-kompetizzjoni (D).

### *A. Il-qafas tat-Trattat u s-"sistema tranżitorja"*

23. Minħabba l-importanza tal-qafas tat-Trattat dwar ir-regoli tal-kompetizzjoni f'dan il-każ, insib li jeħtieġ nibda dawn il-konklużjonijiet billi niddeskrivi d-diversi elementi tal-Artikolu 101 TFUE u li neżamina bir-reqqa "t-tranżizzjonalità" preżunta tas-sistema ta' infurzar stabbilita fl-Artikoli 104 u 105 TFUE (1). Wara dan, ser niġbor fil-qosor l-argumenti tal-partijiet u nqegħidhom fil-kuntest tad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju (2).

#### *1. "Tranżizzjonalità" dwar xiex?*

24. L-Artikolu 101 TFUE għandu struttura sempliċi. L-ewwel paragrafu tiegħu jipprojbixxi *kull* ftehim li jkollu bħala l-għan jew l-effett tiegħu r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni. It-tieni paragrafu jispjega l-konsegwenzi ta' dik il-projbizzjoni: li *kull* ftehim li jinqabad bl-ewwel paragrafu jkun awtomatikament null. It-tielet paragrafu mbagħad jagħti eċċezzjoni għall-projbizzjoni tal-ewwel paragrafu: "[…] id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 jistgħu jiġu ddikjarati inapplikabbli" f'ċerti każijiet.

25. L-Artikolu 101 TFUE huwa dispożizzjoni essenzjalment kompluta u awtonoma. Huwa fformulat f'termini ġenerali. Ma jirreferi għal ebda miżura ta' implimentazzjoni, lanqas ma hemm xi ħaġa inerenti fl-Artikolu 101 TFUE li tista' tissuġġerixxi li huwa ta' għan jew applikazzjoni limitata. L-iktar importanti għal dan il-każ huwa li l-Artikolu 101 TFUE huwa istituzzjonalment għami. Ma jiffavorixxix istituzzjoni (partikolari) minn oħra. F'dan ir-rigward, wieħed ma jistax jislet kuntrast bejn il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u l-Artikolu 65(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Dan tal-aħħar jispeċifika li "l-Awtorità Għolja biss għandu jkollha l-ġurisdizzjoni" tiddetermina jekk ftehim ipprojbit ikunx kompatibbli ma' dik id-dispożizzjoni.

26. Mill-formulazzjoni tiegħu biss huwa għalhekk diffiċli s-suġġeriment li l-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi applikat b'mod differenti għal *kull* dispożizzjoni *oħra* tat-Trattat li tirreferi għal istituzzjoni li tapplika d-dritt tal-Unjoni, tkunx istituzzjoni tal-Istati Membri jew tal-Unjoni.

27. Huwa biss bis-saħħa tal-Artikoli 103 sa 105 TFUE li elementi ta' distinzjoni u "tranżizzjonalità" jiddaħħlu fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE.

28. Għalhekk, fl-ewwel paragrafu tiegħu, l-Artikolu 103 TFUE jispjega li huwa l-Kunsill li jistabbilixxi "ir-regolamenti jew id-direttivi xierqa għall-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti" fl-Artikolu 101 TFUE. It-tieni paragrafu jagħti eżempji mhux eżawrjenti dwar kif tista' tiġi eżerċitata dik is-setgħa. Għall-finijiet ta' din il-kawża, il-paragrafi (b) u (c) huma tal-ikbar interess. Dawk il-paragrafi jittrattaw, rispettivament, "regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3), meqjusa l-ħtieġa li tkun assigurata s-superviżjoni effettiva [...] u s-simplifikazzjoni tal-amministrazzjoni", u d-definizzjoni ta', "fid-diversi fergħat tal-ekonomija, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet" tal-Artikolu 101 TFUE. Fi kliem ieħor, bl-Artikolu 103 TFUE, ir-responsabbiltà hija tal-Kunsill li jiddetermina l-għan tal-applikazzjoni u tas-superviżjoni amministrattiva tal-Artikolu 101 TFUE.

29. Madankollu, x'jiġri sakemm il-Kunsill jiddeċiedi li jeżerċita s-setgħat tiegħu, kif previst fl-Artikolu 103 TFUE?

30. Dan huwa fejn l-Artikoli 104 u 105 TFUE huma rilevanti. Dawk id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu "is-sistema tranżitorja". Skont dik is-sistema, l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri kienu inkarigati jinfurzaw il-prinċipji li (preżentement) jinsabu fl-Artikolu 101 TFUE. Dan kien jinkludi l-għoti ta' eżenzjonijiet skont l-Artikolu 101(3) TFUE. Fiż-żmien li fih kienet applikata dik is-sistema, il-Kummissjoni kellha biss funzjoni minuri fl-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni, u biss "bla ħsara" għall-impenji tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri.

31. Minħabba l-qafas kostituzzjonali, il-kunċett ta' sistema "tranżitorja" huwa kważi terminu żbaljat. Huwa minnu li, fil-formulazzjoni *oriġinali* tiegħu, l-Artikolu 87 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem it-"Trattat KEE") kien jistipula li l-Kunsill kellu jeżerċita s-setgħat tiegħu skont (dak li llum huwa) l-Artikolu 103 TFUE *fi żmien tliet snin*. Dak il-perijodu skada mingħajr ma l-Kunsill eżerċita dawk is-setgħat. Minkejja dan, it-Trattat ta' Amsterdam issostitwixxa r-riferiment (li kien għadda żmienu) għal-limitu ta' tliet snin għall-implimentazzjoni b'obbligu ġenerali għall-Kunsill li jistabbilixxi r-regolamenti u d-direttivi xierqa sabiex "jimplimenta" (dak li llum huwa) l-Artikolu 101 TFUE [17] B'dan il-mod, il-fatt li saret konferma *de iure* ta' dak li *de facto* kien il-każ għal xi żmien, dik li suppost kienet "it-tranżizzjonalità" tas-sistema "tranżitorja" stabbilita skont (dak li llum huma) l-Artikoli 104 u 105 TFUE sparixxiet.

32. Meqjus f'dan il-kuntest, l-Artikolu 104 TFUE fil-fatt veru pprovda *regola ta' inadempjenza* dwar kif tkun ittrattata l-ammissibbiltà ta' ftehimiet li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE. Skont din id-dispożizzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu kompetenti jiżguraw konformità mar-regoli tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni għall-perijodu indefinit *sakemm* il-Kunsill jieħu l-inkarigu billi jagħmel arranġament amministrattiv differenti ta' infurzar tar-regoli tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni.

33. Fi kliem ieħor, filwaqt li tabilħaqq hija kienet stabbilita għal żmien limitat, is-sistema "tranżitorja" sfat inqas u inqas "tranżitorja" maż-żmien, minħabba li ma kienx hemm "tranżizzjoni" fis-sens ordinarju ta' dik il-kelma minn sitwazzjoni għal oħra. Minflok, dik is-sistema kienet aktarx waħda "potenzjalment modulari" fir-rigward ta' elementi speċifiċi ta' deċentralizzazzjoni (u riallokazzjoni) tal-kompetenza ta' infurzar ta' ċerti partijiet tal-Artikolu 101 TFUE. Dan l-aħħar aspett huwa kkonfermat bl-iżvilupp tas-sistema kollha kemm hi, li baqgħet għaddejja, tul is-snin, lura u 'l quddiem: minn deċentralizzazzjoni għal

[17] Artikolu 6(46) tat-Trattat ta' Amsterdam li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u ċerti atti relatati (ĠU 1997, C 340, p. 1).

ċentralizzazzjoni ta' ċerti elementi, u mbagħad lura għal darba oħra għal deċentralizzazzjoni parzjali, bir-regoli ta' kompetenza stabbiliti fl-Artikolu 103(2) TFUE jakkomodaw testwalment dawk il-bidliet mingħajr ebda problema.

*2. Il-funzjoni tal-qrati nazzjonali fis-"sistema tranżitorja"*

34. L-Artikoli 103 sa 105 TFUE huma siekta dwar il-funzjoni tal-qrati nazzjonali fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, ikunx fil-kuntest tas-sistema "tranżitorja" jew le. Dan huwa l-għan ta' din il-kawża. Effettivament, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-projbizzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE tistax tkun applikata mill-qrati nazzjonali, fejn seħħew il-prattiki antikompetittivi inkwistjoni, għall-parti l-kbira minnhom, fiż-żmien tal-applikazzjoni tas-"sistema tranżitorja".

35. Mal-ewwel daqqa ta' għajn, dik id-diskussjoni jista' jkollha rabta ma' żmien fl-imgħoddi. Il-partijiet kollha f'din il-kawża jaqblu li r-Regolament (KE) Nru 1/2003 jew ta lill-qrati nazzjonali s-setgħa japplikaw l-Artikolu 101 TFUE b'mod sħiħ, jew għall-inqas ikkonferma li din kienet teżisti. Madankollu, konkretament, meta l-kwistjoni mqajma mir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali, Amsterdam) tiġi riżolta, dan għandu jolqot l-invokazzjoni iktar wiesgħa tad-drittijiet privati bil-ħsieb li jkun żgurat li jingħataw danni għal telf minħabba kondotta li setgħet tirrestrinġi jew toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni – indipendentement minn meta tkun seħħet dik il-kondotta u indipendentement minn liema awtorità amministrattiva tkun investigat dik il-kondotta.

36. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali qegħdin jippruvaw jinvokaw drittjiet privati b'dan il-mod. Dan huwa għaliex, fid-Deċiżjoni tagħha tal-2017, il-Kummissjoni sabet evidenza ta' prattiki ta' koordinazzjoni kontinwi tal-prezzijiet mill-1999 sal-2006 fis-settur tat-trasport ta' merkanzija bl-ajru. Madankollu, minħabba s-sistema ta' leġiżlazzjoni sekondarja stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 103 TFUE, il-Kummissjoni llimitat dak li sabet dwar ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE rispettivament, għal rotot Unjoni-pajjiżi terzi mill-1 ta' Mejju 2004, u għal rotot ŻEE mhux tal-Unjoni-pajjiżi terzi mid-19 ta' Mejju 2005. Konsegwentement, jekk l-oġġezzjonijiet tal-konvenuti għall-kompetenza tal-qorti nazzjonali jintlaqgħu, il-perijodu qabel dawk id-dati jkun, effettivament, eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' kawżi privati għal rimedju għal kondotta antikompetittiva skont l-Artikolu 101(1) TFUE.

37. Bil-bosta, il-kwistjoni bażika u ġenerali ta' din il-kawża hija, għalhekk, jekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE mill-qrati nazzjonali tistax tkun limitata jew eskluża għalkollox b'leġiżlazzjoni sekondarja li tirrestrinġi infurzar amministrattiv tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

38. Fis-sottomissjonijiet tal-partijiet interessati r-risposta għal dik id-domanda tinsab moħbija taħt ħafna safef ta' ġurisprudenza u leġiżlazzjoni sekondarja. Essenzjalment, ir-rikorrenti, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Gvern Norveġiż jispjegaw li "is-sistema tranżitorja" rrestrinġiet l-infurzar tal-prinċipji bażiċi tal-Artikolu 101(1) TFUE biss permezz "tar-rotta amministrattiva". Dak, madankollu, ma llimitax l-effett dirett tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE waqt li jiġu invokati quddiem il-qrati nazzjonali, jiġifieri "r-rotta ġudizzjarja" indipendenti.

39. Il-konvenuti, il-parti l-kbira minnhom sostnuti mill-Kummissjoni, jikkontestaw dan. Fis-sottomissjonijiet tagħhom, il-qrati nazzjonali ma kellhomx kompetenza japplikaw l-Artikolu 101(1) TFUE għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, il-Kunsill, meta aġixxa skont l-Artikolu 103 TFUE, illimita l-għan tal-applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 101 TFUE.

Għalhekk is-settur tat-trasport bl-ajru ma kienx espost kompletament għall-"prinċipji" li hemm f'dik id-dispożizzjoni qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1/2003. It-tieni, skont "is-sistema tranżitorja", tkun biss awtorità nazzjonali dwar il-kompetizzjoni, u f'xi każijiet il-Kummissjoni, li tista' tieħu pożizzjoni dwar il-kompatibbiltà ta' ftehim antikompetittivi mal-Artikolu 101 TFUE. Minħabba dawk il-limitazzjonijiet tal-Artikolu 101(1) TFUE, il-prinċipju ta' omoġeneità jitlob li l-effett dirett tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE jiġi limitat bl-istess mod.

40. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta korretta għal dak il-ħsieb tirriżulta direttament mill-Artikolu 101 TFUE, mill-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u mir-regoli dwar il-kompetizzjoni f'sens wiesa'. Għalhekk, ngħaddi issa għal dik id-diskussjoni.

### *B. L-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE mill-qorti tar-rinviju f'din il-kawża*

41. B'mod ġenerali, għandhom jiġu diskussi tliet kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE mill-qrati nazzjonali. L-ewwel, l-effetti ta' limitazzjoni potenzjali tas-"sistema tranżitorja" stabbilita fl-Artikoli 104 u 105 TFUE fuq l-Artikolu 101 TFUE dwar il-kompetenzi standard ta' qrati nazzjonali (1). It-tieni, l-estent sa fejn l-effett dirett ta' prinċipji li issa jinsabu fl-Artikolu 101(1) TFUE huwa invokat mil-parti li titlob l-infurzar tad-drittijiet tagħha quddiem il-qrati nazzjonali (2). It-tielet, l-għan tal-applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 101(1) TFUE għall-każ partikolari inkwistjoni, jiġifieri għas-settur tat-trasport bl-ajru (3). Ser nindirizza kull kwistjoni waħda wara l-oħra.

#### *1. L-effett tas-"sistema tranżitorja" fuq l-Artikolu 101 TFUE*

42. Fis-sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jargumentaw, essenzjalment, li "is-sistema tranżitorja" tal-Artikoli 104 u 105 TFUE tiċħad lill-qrati nazzjonali mill-kompetenza tagħhom li japplikaw l-Artikolu 101 TFUE. B'risposta għal domanda magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni ħadet l-istess pożizzjoni. Fi kliemha, l-Artikoli 104 u 105 TFUE jista' jkollhom l-effett ta' "pawża" għall-kompetenza tal-qrati nazzjonali fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE f'ċerti ċirkustanzi.

43. Ma naqbilx.

44. Mill-formulazzjoni tal-Artikoli 104 u 105 TFUE, ma nsib xejn li jammonta għal "buttuna pawsa" fir-rigward tal-kompetenza ta' qrati nazzjonali. Fil-fatt, ebda waħda miż-żewġ dispożizzjonijiet ma tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE għal qrati nazzjonali. L-Artikoli 104 u 105 TFUE sempliċement jistabbilixxu kif għandu jsir l-infurzar amministrattiv tal-Artikolu 101 TFUE matul iż-żmien sakemm il-Kunsill ikun ħa azzjoni skont l-Artikolu 103 TFUE. Madankollu, din l-azzjoni ma tindirizzax l-applikazzjoni *ġudizzjarja* tal-Artikolu 101 TFUE minn qrati nazzjonali.

45. Sabiex inkun preċiż: fil-fehma tiegħi, l-applikazzjoni ġudizzjarja tal-Artikolu 101(1) TFUE ovvjament *ma hijiex limitata għall-istħarriġ ġudizzjarju* ta' deċiżjonijiet amministrattivi li qabel kienu applikaw u infurzaw regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. L-istħarriġ ta' deċiżjoni amministrattiva li tapplika l-Artikolu 101(1) TFUE ċertament huwa mod li bih qrati nazzjonali jistgħu jintalbu japplikaw dik id-dispożizzjoni. Hemm madankollu oqsma oħra tal-liġi jew mezzi

oħra ta' rimedju li fihom qrati nazzjonali jistgħu, possibbilment, bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali, jintalbu japplikaw l-istess dispożizzjoni: qis, pereżempju, tipi oħra ta' stħarriġ amministrattiv, kawżi skont il-liġi ċivili jew anki prosekuzzjonijiet kriminali.

46. Inqis li huwa importanti nenfasizza dan l-element mill-bidu nett. Dan għaliex jidher li teżisti tendenza riduzzjonista distinta fis-sottomissjonijiet tal-konvenuti u tal-Kummissjoni dwar dan. Fil-fehma tagħhom, essenzjalment, "l-applikazzjoni" tal-Artikolu 101 TFUE tfisser "l-infurzar" ta' dik id-dispożizzjoni, li mbagħad għandha rabta "mal-investigazzjoni u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi". Dawn ġew fdati lill-Kummissjoni jew lil awtoritajiet amministrattivi nazzjonali biss. B'dik il-loġika, il-qrati nazzjonali, impliċitament, ikunu qegħdin jingħataw biss kompetenza skont "is-sistema tranżitorja" jekk jintalbu jistħarrġu ġudizzjarjament l-infurzar amministrattiv imwettaq minn awtorità amministrattiva nazzjonali.

47. Ma naqbilx. Kieku qorti nazzjonali kienet ntalbet tapplika l-Artikolu 101(1) TFUE fi ħdan il-kompetenza u l-proċeduri eżistenti tagħha qabel ma l-Kunsill kien għamel leġiżlazzjoni sekondarja sabiex "jagħti effett" lill-prinċipji bażiċi tal-Artikolu 101 TFUE, allura, *dażgur*, dik il-qorti nazzjonali kien ikollha tapplika b'mod sħiħ dik id-dispożizzjoni [18].

48. Dan huwa eżempju ta' karatteristika komuni li l-Artikolu 101 TFUE jikkondividi ma' għadd ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat, bħall-Artikoli 45 u 46 TFUE (il-moviment liberu tal-ħaddiema), l-Artikolu 49 u l-Artikolu 50(2) TFUE (il-libertà tal-istabbiliment) u l-Artikolu 157 TFUE (il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali). F'dawk il-każijiet kollha, kif ukoll f'oħrajn, id-dispożizzjoni tat-Trattat inkwistjoni l-ewwel issemmi l-prinċipju u sussegwentement tindika l-istituzzjoni(jiet) xierqa tal-Unjoni li ser "ilaħħmu" dak il-prinċipju billi jadottaw regoli addizzjonali u speċifiċi li xi drabi jindikaw ukoll eżattament x'għandhom ikopru dawk ir-regoli ta' "implimentazzjoni". Madankollu, għal għexieren ta' snin, din il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, anki fejn ma jkunx għad hemm ir-regoli "ta' implimentazzjoni" meħtieġa, "il-prinċipju bażi", kif previst fid-dispożizzjoni tat-Trattat, għandu, jekk ikun minnu nnifsu effettiv direttament, jiġi applikat indipendentement permezz tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kollha, inklużi, u b'mod partikolari, il-qrati nazzjonali, meta jintalbu japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet għall-każijiet quddiemhom.

49. L-Artikolu 157 TFUE u l-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jistgħu jkunu ta' eżempju f'dan ir-rigward: anki qabel ma kienu saru liġijiet sekondarji għal dan il-għan mil-leġiżlatur tal-Unjoni, kien ċar li l-qrati nazzjonali kienu responsabbli għall-ħarsien tal-effikaċja sħiħa tagħhom u kellhom japplikaw dak il-prinċipju indipendentement minn kull "infurzar amministrattiv" għal kawżi (ċivili) quddiemhom [19]. Dik il-konklużjoni ma għandhiex tkun sorprendenti: il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddeċidiet li l-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni, irrispettivament mill-forma, ma tipprekludix lil dak li jkun milli jinvoka dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li għandhom effett dirett [20].

50. Għaldaqstant, mill-aspett strutturali tat-Trattat, l-applikabbiltà ta' (dak li issa huwa) l-Artikolu 101 TFUE mill-qrati nazzjonali kienet teżisti mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEE. Barra minn hekk, l-ewwel u t-tieni paragrafu ta' dak li llum huwa l-Artikolu 101 TFUE ħallew effetti sħaħ anki qabel ma l-Kunsill aġixxa skont "is-setgħa tiegħu" prevista fl-Artikolu 103(1) TFUE [21].

[18] Konformement mas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz and Rewe-Zentral (33/76, EU:C:1976:188, punt 5).

[19] Diġà fis-sentenza tat-8 ta' April 1976, Defrenne (C-43/75, EU:C:1976:56, punti 12, 24 u 39).

[20] Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (C-106/77, EU:C:1978:49, punti 19 u 20); tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 80) u tal-4 ta' Frar 2016, Ince (C-336/14, EU:C:2016:72, punt 59).

[21] Kif spjegat ukoll iktar 'il quddiem, fil-punti 58 u 70 sa 78 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill qatt ma rrestrinġa dawk l-effetti.

51. F'dan il-kuntest, huwa madankollu meħtieġ li jiġi eżaminat kemm l-Artikolu 101(1) TFUE kien, tabilħaqq, *direttament effettiv* qabel ma l-Kunsill stabbilixxa "ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) TFUE".

*2. L-effett dirett tal-Artikolu 101(1) TFUE*

52. B'risposta għad-domanda magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-konvenuti u l-Kummissjoni kienu tal-fehma li ma kienx hemm effett dirett tal-Artikolu 101(1) TFUE qabel ma l-Kunsill aġixxa skont l-Artikolu 103(2)(b) TFUE. Ma tista' tinsilet ebda konklużjoni oħra minħabba li, diġà fl-1962, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet interpretat l-Artikolu 101 TFUE bħala li jikkostitwixxi "kollox indivisibbli" [22]. Barra minn hekk, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Courage u Crehan [23] hija xhieda tal-ħtieġa li għandha tittieħed azzjoni minn qabel mill-Kunsill, minħabba li dik il-kawża kienet fil-fatt irrikonoxxiet li kien jeżisti effett dirett biss *wara* li l-Kunsill kien adotta miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 101 TFUE. Dik id-dispożizzjoni ma setgħetx, għalhekk, tkun, minnha nnifisha, direttament effettiva.

53. Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti jikkontestaw dik il-pożizzjoni billi jinvokaw primarjament fuq is-sentenza SABAM [24] sabiex jargumentaw li l-effett dirett tal-Artikolu 101(1) TFUE ma jeħtiġlux miżuri ta' implimentazzjoni minn qabel.

54. Naqbel mar-rikorrenti. Fil-fehma tiegħi, il-pożizzjoni tal-konvenuti u tal-Kummissjoni b'mod figurattiv tqiegħed "il-karettun qabel iż-żiemel".

55. Hija ġurisprudenza stabbilita li effett dirett għandu jiġi eżaminat fid-dawl tan-natura, tal-iskema ġenerali u tal-formulazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni [25]. Dispożizzjoni jkollha effett dirett jekk tkun ċara u preċiża biżżejjed [26] u inkondizzjonata [27]. Bħala tali, dispożizzjoni kollha hemm hi ma jeħtiġilhiex tkun direttament effettiva jew applikabbli *verbatim*. Minflok, il-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi b'estrazzjoni: jiġifieri, tipprova tiddetermina jekk regola speċifika u direttament applikabbli ta' kondotta tkunx tista' tiġi estratta mid-dispożizzjoni (x'aktarx itwal u iktar kumplessa) tad-dritt tal-Unjoni [28].

56. Is-sentenzi SABAM u Courage u Crehan huma eżempji adatti għal dak il-mod "relazzjonali" għal effett dirett. Fil-kawża SABAM, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-projbizzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat KEE (illum l-Artikolu 101(1) TFUE) tista' tintuża bħala "tarka" *b'rabta* mad-drittijiet speċifiċi ta' kompożitur ta' kanzunetti li, f'kuntratt ma' soċjetà ta' ġbir ta' royalties ta' awturi, ma jkunx hemm klawżola esklużiva ta' assenjazjoni li tkun infurzata kontrih [29]. Bl-istess mod, fil-kawża Courage u Crehan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dik l-istess

[22] Sentenza tas-6 ta' April 1962, de Geus (C-13/61, EU:C:1962:11, p. 52).

[23] Sentenza tal-20 ta' Settembru 2001, Courage u Crehan (C-453/99, EU:C:2001:465) (iktar 'il quddiem "Courage").

[24] Sentenza tat-30 ta' Jannar 1974, BRT u Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs (127/73, EU:C:1974:6) (iktar 'il quddiem "*SABAM*").

[25] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 1974, Van Duyn (41/74, EU:C:1974:133, punt 12).

[26] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Gassmayr (C-194/08, EU:C:2010:386, punt 45); tas-7 ta' Settembru 2017, H. (C-174/16, EU:C:2017:637, punt 69) u tas-6 ta' Novembru 2018, Bauer u Willmeroth (C-569/16 u C-570/16, EU:C:2018:871, punt 72).

[27] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-15 ta' Mejju 2014, Almos Agrárkülkereskedelmi (C-337/13, EU:C:2014:328, punt 32); tat-12 ta' Ottubru 2017, Lombard Ingatlan Lízing (C-404/16, EU:C:2017:759, punt 36) u tal-14 ta' Jannar 2021, RTS infra BVBA u Aannemingsbedrijf Norré-Behaegel (C-387/19, EU:C:2021:13, punt 46).

[28] Sentenza tat-8 ta' April 1976, Defrenne (43/75, EU:C:1976:56, punti 30 sa 39). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trabucchi fil-kawża Defrenne (C-43/75, EU:C:1976:39, id-dispożittiv) u l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Klohn (C-167/17, EU:C:2018:387, punt 42).

[29] SABAM, punt 16.

dispożizzjoni setgħet tintuża bħala "tarka" *b'rabta* ma' talba għal danni li rriżultaw minn klawżola kuntrattwali kuntrarja għall-Artikolu 85 tat-Trattat KEE (illum l-Artikolu 101 TFUE)[30]. Fiż-żewġ kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, għażlet mill-Artikolu 101 TFUE *kollu* l-parti tad-dispożizzjoni li tipproduċi effett dirett bejn individwi: il-projbizzjoni ta' ċerti ftehimiet antikompetittivi, liema projbizzjoni tinsab fl-ewwel paragrafu ta' dik id-dispożizzjoni[31].

57. Dik il-projbizzjoni hija inekwivoka, u tistabbilixxi obbligu legali ċar u eżegwibbli: "ma għandekx twettaq akkordju". Ma hemm ebda kundizzjoni mehmuża ma' dik id-direzzjoni: kull ftehim bħal dak bejn impriżi jkun "inkompatibbli mas-suq intern". Huwa dak id-dritt awtoeżegwibbli li individwi jgawdu direttament mit-Trattat, li huma jistgħu jiċċitaw sabiex jinvokaw it-talbiet tagħhom, u li l-qrati nazzjonali għandhom jissalvagwardjaw[32].

58. Kuntrarjament għal dak li argumentat il-Kummissjoni fis-seduta, in-natura tad-drittijiet protetti bl-Artikolu 101(1) TFUE ma hijiex affettwata mill-*assenjazzjoni proċedurali* (skont l-Artikolu 103(2)(b) TFUE) li biha istituzzjoni tista' proċeduralment "tapprova" ftehim skont l-Artikolu 101(3) TFUE. Tabilħaqq, huwa ċar minnu nnifsu li, f'ċerti każijiet, qorti jkun jeħtiġilha biss tapplika l-Artikolu 101(1) TFUE sabiex tagħti danni ċivili fil-każ ta' attività antikompetittiva[33]. Bl-istess mod, qorti jista' jkun jeħtiġilha biss tapplika l-Artikolu 101(2) TFUE sabiex tiddetermina s-separazzjoni ta' klawżoli kuntrattwali inkompatibbli[34]. Fi kliem ieħor, minħabba *n-natura speċifika ta' ċerti talbiet* quddiem qorti nazzjonali, il-komponenti individwali tal-Artikolu 101 TFUE jistgħu tabilħaqq ikunu *separabbli*. F'tali ċirkustanzi, il-qrati nazzjonali ma jkunx jeħtiġilhom japplikaw l-Artikolu 101(3) TFUE.

59. Fil-fatt, is-sentenzi SABAM u Courage u Crehan huma xhieda perfetta tar-relazzjoni indipendenti tal-ewwel u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 TFUE. Iż-żewġ kawżi seħħew fi żmien meta l-Kunsill kien eżerċita s-setgħat tiegħu skont l-Artikolu 103(2)(b) TFUE u kien assenja lill-Kummissjoni l-kompetenza unika li tiddeċiedi skont l-Artikolu 85(3) tat-Trattat KEE (illum l-Artikolu 101(3) TFUE). Il-fatt li istituzzjoni (il-Kummissjoni) kienet responsabbli tiddeċiedi dwar jekk kienx japplika dak li qabel kien l-Artikolu 85(3) tat-Trattat KEE ma kienx rilevanti għall-infurzar tad-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 85(1) tat-Trattat KEE[35].

60. Dik il-konklużjoni ma hijiex affettwata mid-deskrizzjoni ta' "kollox indivisibbli" tal-Artikolu 85 tat-Trattat KEE fil-kawża de Geus[36]. F'dik il-kawża, distributur Ġermaniż ta' friġġijiet Bosch kien iċċita l-Artikolu 85 tat-Trattat KEE għad-difiża tiegħu sabiex jannulla klawżola ta' "projbizzjoni ta' esportazzjoni" fi ftehim ta' distribuzzjoni esklużiva li huwa kellu ma' Bosch. Madankollu, il-fatti ta' dak il-każ kienu seħħew qabel ma daħal fis-seħħ ir-Regolament Nru 17/62. Dan kien ifisser li ma kienx hemm *proċedura amministrattiva* sabiex ikunu ttrattati l-effetti riżultanti mill-Artikolu 85(1) u (2) tat-Trattat KEE (illum l-Artikolu 101(1) u (2) TFUE). F'dak il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex għażla oħra ħlief li tissokta tapplika l-ftehim inkwistjoni, sakemm *kien hemm proċedura amministrattiva* sabiex tittratta possibbilment applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) Trattat KEE (illum l-Artikolu 101(3) TFUE)[37].

30 Courage, punti 24 sa 26.

31 SABAM, punt 16 u Courage, punti 23 u 24.

32 F'dan is-sens, ara s-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2014, Kone *et* (C-557/12, EU:C:2014:1317, punti 20 u 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Ara, pereżempju, Courage, punt 26.

34 Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 1986, VAG France (C-10/86, EU:C:1986:502, punt 15).

35 Ara wkoll SABAM, punt 21 u Courage, punti 22 u 28.

36 Ara s-sentenzi tas-6 ta' April 1962, de Geus (13/61, EU:C:1962:11, punt 52) u tad-9 ta' Lulju 1969, Portelange (10/69, EU:C:1969:36, punti 10 u 13).

37 Sentenza tas-6 ta' April 1962, de Geus (13/61, EU:C:1962:11, p. 51 sa 53).

61. Kien f'dawk il-limiti fattwali li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 85 tat-Trattat KEE kien "kollu indiviżibbli"[38]. L-interpretazzjoni opposta kienet twassal għal riżultat inammissibbli: "li ftehimiet jisfaw awtomatikament nulli mingħajr ma jkun anki possibbli li jingħad liema jkunu l-ftehimiet li għalihom l-Artikolu 85 japplika kollu kemm hu"[39].

62. Is-sentenza de Geus kienet, għalhekk, ingħatat meta kien hemm nuqqas istituzzjonali li ma kienx hemm arranġament amministrattiv sabiex jittratta l-effetti "tal-applikabbiltà [tal-Artikolu 85 tat-Trattat KEE] minn meta kien daħal fis-seħħ it-Trattat"[40]. Kif l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sewwa tgħid, f'dak il-waqt il-kwistjoni ta' effett dirett (u, għalhekk, ir-riferiment individwali għall-Artikolu 85(1) tat-Trattat KEE quddiem il-qrati nazzjonali) ma kienx hemm lok għalih, minħabba li de Geus kienet deċiża *qabel* ma l-Qorti tal-Ġustizzja kienet l-ewwel ikkjarifikat il-kunċett tal-effett dirett ta' dispożizzjonijiet tat-Trattat KEE[41].

63. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, nikkonstata li wieħed jista' tabilħaqq jislet biss gwida limitata ħafna minn sentenza ta' din il-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fl-1962 f'ċirkustanzi legali u kostituzzjonali differenti ħafna. B'mod partikolari, fl-assenza ta' kull effett dirett ta' dispożizzjonijiet tat-Trattat, naturalment il-kwistjoni biss ta' kompetenza ta' infurzar amministrattiv attribwita espressament, jew pjuttost l-assenza tagħha, kienet, tabilħaqq, tkun konklużiva.

64. Jiena wkoll ma iniex konvint mis-sottomissjonijiet tal-konvenuti dwar Asjes *et*[42] u Saeed Flugreisen u Silver Line Reisebüro[43], li l-konvenuti invokaw sabiex isostnu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-kwistjoni ta' effett dirett tal-Artikolu 101(1) TFUE. Dawk il-kawżi ma kinux deċiżi fil-kuntest ta' parti li ssemmi l-effett dirett ta' dik id-dispożizzjoni. Minflok, il-kwistjoni kienet tikkonċerna *n-nullità* awtomatika skont l-Artikolu 85(2) tat-Trattat KEE ta' tariffi tal-ajru approvati mill-gvern qabel ma awtorità amministrattiva kienet ħadet deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Artikolu 85(3) tat-Trattat KEE, kienx dak skont is-sistema applikabbli matul "il-perijodu tranżitorju" tal-Artikoli 88 u 89 tat-Trattat KEE (illum l-Artikoli 104 u 105 TFUE) jew skont ir-Regolament (KEE) Nru 3975/87)[44]. Minħabba li la "l-awtoritajiet tal-Istati Membri"[45] u l-anqas il-Kummissjoni[46] ma kienu ddeċidew dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 85 tat-Trattat KEE għall-ftehimiet inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kull nullità ta' tali ftehimiet ma setgħetx tkun preżunta awtomatikament minħabba l-fatt biss li l-Artikolu 85 tat-Trattat KEE seta' possibbilment ikun applikabbli għall-ftehimiet inkwistjoni.

65. Is-sentenzi Asjes *et* u Saeed Flugreisen u Silver Line Reisebüro, għalhekk, inqabdu f'nassa ta' loġika ta' żmienhom: f'ċirkustanzi fejn ma kienet ittieħdet ebda deċiżjoni amministrattiva mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew mill-Kummissjoni dwar ftehimiet allegatament antikompetittivi skont l-Artikolu 85(3) tat-Trattat KEE, iżda *approvazzjoni retroattiva futura baqgħet possibbli* skont is-sistema fis-seħħ dak iż-żmien; kien ovvju li operaturi ekonomiċi kien

[38] *Ibid.*, p. 52.
[39] *Ibid.*
[40] *Ibid.*, p. 51.
[41] Sentenza tal-5 ta' Frar 1963, van Gend & Loos (26/62, EU:C:1963:1, p. 13).
[42] Sentenza tat-30 ta' April 1986, Asjes *et* (209/84 sa 213/84, EU:C:1986:188). (iktar 'il quddiem "Asjes").
[43] Sentenza tal-11 ta' April 1989, Saeed Flugreisen u Silver Line Reisebüro (C-66/86, EU:C:1989:140) (iktar 'il quddiem "Saeed").
[44] Saeed, punt 29, u Asjes, punti 52 sa 56 u 59.
[45] Saeed, punti 4 u 29, u Asjes, punt 57.
[46] Saeed, punti 4 u 29, u Asjes, punt 59.

jeħtiġilhom ikunu jistgħu jassumu, *in bona fide*, li r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom ma jkunux awtomatikament nulli *sakemm* l-awtoritajiet amministrattivi inkwistjoni jkunu ddeċidew dwar il-ftehimiet jew il-prattiki tagħhom[47].

66. F'dan il-każ, b'mod iktar importanti, il-konvenuti *ma jistgħux jinvokaw kunflitt* li joriġina minn approvazzjoni retroattiva possibbli tal-kondotta inkwistjoni. Fil-fatt, is-sistema ta' "eżenzjoni" tar-Regolament Nru 1/2003, kif emendat, li rrevoka s-sistema preċedenti tar-Regolamenti Nri 17/62 u 3975/87, ma tippermettix azzjoni retroattiva. Barra minn hekk, kif juri l-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 1/2003, ftehimiet li ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 17/62 u 3975/87, u li *kienu* nnotifikati lill-Kummissjoni, kienu skadew b'effett mill-1 ta' Mejju 2004. Fi kliem ieħor, anki jekk il-konvenuti kienu nnotifikaw il-ftehimiet lill-Kummissjoni[48], dawk in-notifiki, f'kull każ, ma kinux japplikaw bħala "waqfa retroattiva" għat-trattament tal-istess ftehimiet skont is-sistema fis-seħħ bir-Regolament Nru 1/2003.

67. B'hekk, għal darba oħra, tajjeb jiġi innotat b'mod speċifiku li fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, ma hemmx il-koerenza interna ewlenija "tal-obbligu tal-Artikolu 101 TFUE", kif ukoll tal-ħtieġa ta' ċertezza legali għal operaturi ekonomiċi. Dik it-tieqa hija magħluqa għal xi żmien.

68. Fil-qosor, huwa għalhekk ċar li l-Artikolu 101(1) TFUE u l-predeċessuri tiegħu kienu direttament applikabbli mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEE. Dawn baqgħu direttament effettivi matul dak il-perijodu sabiex l-individwi setgħu jinvokaw id-drittijiet tagħhom quddiem il-qrati kompetenti nazzjonali. Fuq kollox, din is-setgħa indipendenti, inerenti tal-qrati nazzjonali li japplikaw l-Artikolu 101(1) TFUE skont dik is-setgħa u konformement mat-tip ta' proċeduri li huma kellhom skont id-dritt nazzjonali, fil-fatt qatt ma kienet ristretta mill-Kunsill bl-applikazzjoni ta' dak li llum huwa l-Artikolu 103 TFUE.

69. Madankollu, il-mistoqsija tibqa' jekk hemmx jew kienx hemm xi restrizzjonijiet dwar l-applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 101(1) TFUE għall-każ speċifiku tas-settur tat-trasport bl-ajru.

### *3. L-iskop "ratione materiae" tal-Artikolu 101(1) TFUE*

70. Il-konvenuti u l-Kummissjoni jsostnu li minħabba li l-Kunsill ma eżerċitax il-kompetenza tiegħu skont l-Artikolu 103(2)(c) TFUE sabiex jiftaħ is-settur tat-trasport bl-ajru kollu kemm hu għar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat, il-qrati nazzjonali ma setgħux jaġixxu dwar kawża ppreżentata skont l-Artikolu 101(1) TFUE sabiex jiġi ddikjarat li tali ftehimiet kienu inkompatibbli. Jiġifieri, anki jekk seta' jkun hemm effett dirett. Dawk il-partijiet jinnotaw l-esklużjoni speċifika tas-settur tat-trasport bl-ajru kollu kemm hu mir-Regolament Nru 17/62 u l-ftuħ limitat tar-regoli tal-kompetizzjoni għal "rotot intra-Unjoni" dwar trasport bl-ajru permezz tar-Regolament Nru 3975/87. Kien biss mill-1 ta' Mejju 2004, id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1/2003, kif emendat, li s-settur tat-trasport bl-ajru kellu jinfetaħ għar-regoli tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni[49].

71. Ma naqbilx ma' dawk is-sottomissjonijiet.

[47] Ara, b'analoġija, r-raġunament segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-22 ta' Marzu 1961, Snupat vs High Authority (42/59 u 49/59, EU:C:1961:5, p. 87).

[48] Element li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jiċħdu, iżda li fl-aħħar mill-aħħar jibqa' għall-qorti tar-rinviju li tivverifika.

[49] Ara l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1/2003.

72. Bis-saħħa tal-Artikolu 103(1) TFUE, il-Kunsill għandu jagħmel "[i]r-regolamenti jew id-direttivi xierqa għall-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti" fl-Artikolu 101 TFUE. L-Artikolu 103(2) TFUE mbagħad jelenka eżempji dwar kif dan jista' jintlaħaq mill-Kunsill. Il-paragrafu (c) jgħid li l-Kunsill jista', "fejn meħtieġ […], jiddefinixx[i] […] dwar id-diversi setturi ekonomiċi", l-għan tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE.

73. Hija n-natura espressament *fakultattiva* ta' dik l-azzjoni li tagħżel il-paragrafu (c) mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 103(2) TFUE u *r-rekwiżit* li "jitlaħħam" l-Artikolu 101(3) TFUE. Fil-fatt, ir-riferiment fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 103(2) TFUE għal "fejn meħtieġ"[50] b'mod ċar jindika li l-għan tal-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Artikolu 101 TFUE kien, minħabba *inadempjenza*, intiż sabiex ikopri l-ekonomija kollha, bil-Kunsill jiddeċiedi jekk jabbandunax dik is-sitwazzjoni ta' inadempjenza għal fergħat speċifiċi tal-ekonomija.

74. L-indispensabbiltà tas-suq uniku li ssostni dak l-arranġament hija misterjuża: naturalment, l-għan tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE seta' kien li ġie abbozzat bil-ħsieb li jkun hemm tkabbir gradwali, b'waqtiet "diġeribbli" li huwa l-għan tal-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. B'dan il-mod, għall-qasam partikolari tat-transport, kif kien sar dwar il-politika agrikola komuni, dawk il-modi settorjali (speċifiċi) setgħu ngħataw preċedenza fuq ir-regoli (ġenerali) tal-kompetizzjoni[51].

75. Madankollu, dan ma huwiex il-każ[52]. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, u partikolarment fid-dawl tal-istruttura tal-Artikoli 101 u 103 TFUE, it-Trattat jibda mill-aspett ta' applikazzjoni sħiħa ta' regoli tal-kompetizzjoni għal kull waħda mill-fergħat u għall-fergħat kollha tal-ekonomija. Sabiex jinkiseb dak l-impenn it-Trattat beda b'*ratione materiae* ġeneralment mingħajr inibizzjonijiet tal-Artikolu 101 TFUE fl-interess li jinkiseb suq komuni funzjonabbli[53] suġġett biss għall-possibbiltà ta' "fejn meħtieġ" tal-esklużjoni settorjali speċifika li hemm fl-Artikolu 103(2)(c)TFUE.

76. Kuntrarjament għas-sottomissjonijiet tal-konvenuti u tal-Kummissjoni, ir-Regolamenti Nri 17/62 u Nru 3975/87 ma jurux li l-Kunsill ipprova jillimita l-għan tal-applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 101(1) TFUE. Fil-fatt, ir-Regolament Nru 17/62 prinċipalment stabbilixxa sistema *proċedurali* għall-applikazzjoni mill-Kummissjoni ta' dak li qabel kien l-Artikolu 85(1) u (3) tat-Trattat KEE (illum l-Artikolu 101(1) u (3) TFUE)[54]. Ma kien jgħid xejn dwar l-għan *ratione materiae* tal-Artikolu 101(1) TFUE. Bl-istess mod, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 141/62 li jemenda r-Regolament Nru 17/62 kien jgħid biss li s-sistema *amministrattiva* stabbilita bir-Regolament Nru 17/62 ma kellhiex tapplika għas-settur tat-transport (u, b'hekk, għat-trasport bl-ajru)[55]. Dik l-esklużjoni, madankollu, ma hijiex relatata mal-iskop *ratione materiae* tal-Artikolu 101(1) TFUE meta dan ikun applikat mill-qrati nazzjonali għas-settur tat-trasport bl-ajru.

[50] Bl-istess mod "v případě potřeby" biċ-Ċek; "in voorkomende gevallen" bl-Olandiż; "eventualmente" bit-Taljan; "le cas échéant" bil-Franċiż; "gegebenfalls" bil-Ġermaniż; jew "eventualmente" fil-verżjoni bil-lingwa Spanjola.

[51] Ara, dwar dan, l-Artikolu 42 u s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, APVE *et* (C-671/15, EU:C:2017:860, punti 36 sa 38).

[52] Asjes, punt 45.

[53] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss (C-126/97, EU:C:1999:269, punt 36).

[54] Ara, pereżempju, it-tieni, is-sitt u t-tmien premessa tar-Regolament Nru 17/62. Ara wkoll l-Artikol 2, Artikolu 6(1), Artikolu 8(1) u Artikolu 9(3) ta' dak ir-regolament.

[55] Kif spjegat fl-ewwel premessa tar-Regolament Nru 141/62 (ĠU 1962, 124, p. 2751). Ara wkoll l-Artikolu 1 tiegħu.

77. Fl-aħħar nett, fir-Regolament Nru 3975/87 hemm parzjalment "inklużjoni fakultattiva" tas-settur tat-trasport bl-ajru biss għall-applikazzjoni *amministrattiva* tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Kif spjegat fit-tieni premessa ta' dak ir-Regolament, dik l-inklużjoni fakultattiva parzjali kienet meħtieġa minħabba li "[i]l-Kummissjoni [ma kellha] l-ebda mezz sabiex tinvestiga direttament każijiet ta' suspett ta' ksur tal-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat fit-trasport bl-ajru"[56]. Għal darba oħra, madankollu, dan ir-regolament bl-ebda mod ma jillimita l-għan tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE f'azzjoni għad-danni privata quddiem il-qrati nazzjonali.

78. Fi kliem ieħor, l-arranġament kollu kemm hu li allegatament il-qasam tat-trasport bl-ajru jkun eskluż mill-Artikolu 101 TFUE attwali kien limitat *għall-infurzar amministrattiv* tal-prinċipji msemmija f'dik id-dispożizzjoni[57]. Ir-Regolamenti Nri 17/62 u Nru 3975/87 ma affettwawx l-applikazzjoni *ġudizzjarja* mill-qrati nazzjonali, skont l-iskop tas-setgħat rispettivi, li huma kellhom b'mod indipendenti skont id-dritt nazzjonali, tal-prinċipji li llum jinsabu fl-Artikolu 101(1) TFUE[58]. Fil-fatt, f'dan ir-rigward, naqbel mar-rikorrenti u mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA: dik "ir-rotta parallela" li possibbilment tinforza l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101(1) TFUE baqgħet ma ntlaqtitx mil-leġiżlazzjoni sekondarja magħmula mill-Kunsill.

79. Għalhekk, il-fatt li ma hemm ebda regoli speċifiċi fid-dritt nazzjonali li tirregola l-applikazzjoni ġudizzjarja tal-Artikolu 101 TFUE ma jistax iżomm lir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali, Amsterdam) milli tapplika l-Artikolu 101(1) TFUE fis-settur tat-trasport bl-ajru, fejn dik id-dispożizzjoni tiġi invokata sabiex tinkiseb sentenza dikjaratorja u danni riżultanti minn kondotta antikompetittiva tal-konvenuti għal rotot Unjoni-pajjiżi terzi qabel l-1 ta' Mejju 2004.

### *C. Ir-rabta bejn l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u r-regoli primarji tal-kompetizzjoni tal-Unjoni*

80. Il-Gvern Norveġiż u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jsostnu li, minħabba li l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE huwa sostanzjalment identiku għall-Artikolu 101 TFUE, il-prinċipju ta' omeġeneità jitlob li dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet jiġu interpretati b'mod uniformi. Fis-seduta, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA spjegat ukoll li l-assenza ta' dispożizzjoni ekwivalenti għall-Artikolu 104 TFUE fil-Ftehim ŻEE ma taffettwax tali interpretazzjoni omoġenea tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE minħabba li, fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 104 TFUE ma jillimitax l-Artikolu 101 TFUE.

56 It-tieni premessa tar-Regolament Nru 3975/87.

57 Kif il-Kummissjoni stess spjegat fis-sottomissjonijiet tagħha fil-kawża Asjes, "l-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 87 [b'rabta mar-*ratione materiae* tal-Artikolu 85 tat-Trattat KEE] ma tfissirx li qrati nazzjonali ma jistgħux, meta tinqala' l-kwistjoni, jintalbu sabiex jiddeċiedu dwar il-kompatibbiltà ta' ftehim jew ta' prattika partikolari mar-regoli tal-kompetizzjoni minħabba li dawk ir-regoli jkollhom effett dirett".

58 Kif diġà ġie spjegat iktar 'il fuq fil-punti 43 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet, billi sempliċement allokaw kompetenza amministrattiva sabiex jiġu ttrattati ċerti investigazzjonijiet ta' ksur li seta' kien hemm tal-liġi tal-kompetizzjoni, dawk ir-regolamenti indirettament ukoll allokaw kompetenza sabiex isir stħarriġ ġudizzjarju ta' dawk id-deċiżjonijiet amministrattivi (ara l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 17/62 u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 3975/87, rispettivament). Madankollu, u għal darba oħra, dawk id-dispożizzjonijiet naturalment ma kellhom ebda effett possibbilment fuq każijiet oħra ta' applikazzjoni ġudizzjarja tal-Artikolu 101 TFUE, kien x'kien *it-tip l-ieħor ta' proċeduri* li fihom dik l-applikazzjoni setgħet inqalgħet quddiem qrati nazzjonali.

81. Il-Kummissjoni taqbel li l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE jeħtiġilhom ikunu interpretati b'armonija. Madankollu, fis-seduta hija kellha dubji dwar jekk l-assenza ta' dispożizzjoni ekwivalenti għall-Artikolu 104 TFUE taffettwax dak l-inkarigu, l-iktar minħabba li l-effett tal-Artikoli 104 u 105 TFUE ikun li titneħħa l-kompetenza tal-qrati nazzjonali li japplikaw direttament l-Artikolu 101(1) TFUE.

82. Essenzjalment, il-konvenuti jieħdu l-istess pożizzjoni bħal dik tal-Kummissjoni. Fil-fehma tagħhom, "is-sistema tranżitorja" skont l-Artikoli 104 u 105 TFUE ma kinitx tippermetti li l-Artikolu 101(1) TFUE ikun direttament effettiv, sabiex b'hekk l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE għandu wkoll jiġi interpretat bħala li ma jkollux effett dirett qabel ma l-Kumitat Konġunt ikun iddikjara li r-Regolament Nru 1/2003 kien applikabbli fiż-ŻEE mid-19 ta' Mejju 2005.

83. Fid-dawl tal-konklużjonijiet tiegħi fit-Taqsima B ta' dawn il-konklużjonijiet, naqbel mas-sottomissjonijiet tal-Gvern Norveġiż u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

84. Ma huwiex ikkontestat li l-Ftehim ŻEE jikkostitwixxi parti integrali mid-dritt tal-Unjoni[59]. Fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed, dawn ikollhom effett dirett fl-Istati Membri[60] Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, skont il-prinċipju ta' omoġeneità[61], dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE, li jkunu sostanzjalment identiċi għal dawk tat-Trattat, għandhom ikunu interpretati b'mod uniformi[62].

85. L-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE rispettivament jistabbilixxu projbizzjoni, l-effett ta' dik il-projbizzjoni u, possibbilment, deroga minn dik il-projbizzjoni. Fid-dawl tal-prinċipju ta' omoġeneità, dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet għandhom, għalhekk, jiġu interpretati b'mod uniformi[63]. Għaldaqstant, kif inhuwa l-każ għall-Artikolu 101(1) TFUE, l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE għandu wkoll jiġi kkonstatat li jipproduċi effett dirett u joħloq drittijiet fir-rigward tal-individwi kkonċernati, li l-qrati nazzjonali għandhom jissalvagwardjaw[64].

86. Fid-dawl tal-ekwivalenza bejn l-effett tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, ma narax kif il-konklużjonijiet tiegħi li wasalt għalihom fil-punti 55 sa 68 ta' dawn il-konklużjonijiet dwar l-Artikolu 101(1) TFUE għandhom ikunu b'xi mod differenti għall-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE. Għalhekk, il-qrati nazzjonali jistgħu japplikaw l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE sabiex jikkonstataw ċerta kondotta antikompetittiva bħala inkompatibbli ma' dik id-dispożizzjoni.

87. Għal raġunijiet simili għal dawk dwar l-Artikolu 101 TFUE, għandi wkoll nirrifjuta l-argumenti tal-konvenuti dwar l-iskop *ratione materiae* tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE. Huwa minnu li l-Artikolu 1 tal-Protokoll 21 tal-Ftehim ŻEE jispjega li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha l-ewwel "tagħti effett lill-prinċipji stabbiliti" fl-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

59 Sentenzi tal-15 ta' Ġunju 1999, Andersson u Wåkerås-Andersson (C-321/97, EU:C:1999:307, punti 26 u 27) u tat-2 ta' April 2020, Ruska Federacija (C-897/19 PPU, EU:C:2020:262, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Frar 1976, Conceria Bresciani (87/75, EU:C:1976:18, punt 25) u tas-26 ta' Ottubru 1982, Kupferberg (104/81, EU:C:1982:362, punt 23). Dwar il-Ftehim ŻEE, ara s-sentenza tat-22 ta' Jannar 1997, Opel Austria vs Il-Kunsill (T-115/94, EU:T:1997:3, punti 101 u 102).

61 Ara l-Artikoli 6, 105 u 106 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.

62 Sentenzi tat-23 ta' Settembru 2003, Ospelt u Schlössle Weissenberg (C-452/01, EU:C:2003:493, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-153/08, EU:C:2009:618, punti 48 u 49).

63 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-EFTA tat-30 ta' Mejju 2018, Fjarskipti vs Síminn (E-6/17, Rapport tal-Qorti tal-EFTA 2018, p. 81, punt 28).

64 *Ibid.*, punti 29 u 32 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-EFTA tas-17 ta' Settembru 2018, Nye Kystlink AS vs Color Group AS u Color Line AS (E-10/17, Rapport tal-Qorti tal-EFTA 2018, p. 293, punt 71).

Għal dak il-għan, għall-inqas, huwa jirrifletti l-Artikolu 103 TFUE. Madankollu, ma hemm xejn fil-proċess tal-kawża li jissuġġerixxi li l-Artikolu 1 tal-Protokoll 21 tal-Ftehim ŻEE intuża sabiex jillimita l-għan tal-applikazzjoni tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE jew il-kompetenza tal-qrati nazzjonali fl-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni. Fil-fatt, kif spjegajt fil-punti 76 sa 78 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-diversi atti tad-dritt sekondarju ppromulgati mill-Kunsill skont Artikolu 103(2)(c) TFUE, u inkorporati fil-Ftehim ŻEE mid-data tan-notifika tiegħu, qatt ma kellhom l-effett li jillimitaw l-iskop *ratione materiae* tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

88. Il-fatt li ma hemmx dispożizzjoni ekwivalenti għall-Artikolu 104 TFUE fil-Ftehim ŻEE ma jaffettwax dik il-konklużjoni. Kif spjegajt fil-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-effett tal-Artikolu 104 TFUE ma huwiex li jirrestrinġi l-għan jew l-applikazzjoni strutturali tal-Artikolu 101 TFUE. La l-effett ma jeżistix, għalhekk, huwa ma jistax jaffettwa l-iskop jew l-applikazzjoni tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE. F'kull każ, l-Artikolu 104 TFUE kien intiż sabiex jgħaqqad il-perijodu bejn id-dħul fis-seħħ tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat u l-mument li fih il-Kunsill jaġixxi sabiex jagħmel arranġament amministrattiv sabiex jittratta l-Artikolu 101 TFUE u, b'mod partikolari, it-tielet paragrafu tiegħu[65].

89. Madankollu, tali perijodu tranżitorju anzi qatt ma kien jeżisti għall-Ftehim ŻEE. Ir-Regolamenti Nru 17/62, Nru 141/62 u Nru 3975/87 kienu saru parti mill-Ftehim ŻEE skont l-Anness XIV mid-data ta' notifika ta' dak il-ftehim. Bl-istess mod, l-Artikolu 56 tal-Ftehim ŻEE ma jaffettwax dik il-konklużjoni minħabba li huwa sempliċement jistabbilixxi l-kompetenza maqsuma (u duopolizzata) bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għall-applikazzjoni tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE[66].

90. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, ukoll ma hemmx restrizzjonijiet għall-għan tal-applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE li jistgħu jfixklu lir-rikorrenti milli jinvokaw l-effett dirett tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex jitolbu sentenza dikjaratorja u danni b'rabta mal-koordinazzjoni mill-konvenuti ta' diversi elementi tal-prezz li ntalab għal servizzi ta' trasport ta' merkanzija bl-ajru fuq rotot ta' pajjiżi terzi taż-ŻEE mhux tal-Unjoni qabel id-19 ta' Mejju 2005.

### *D. L-istampa ikbar: l-infurzar pubbliku u privat tar-regoli tal-kompetizzjoni*

91. Għalkemm hija wkoll parti mid-domanda tal-qorti tar-rinviju, fid-dawl tal-konklużjonijiet li diġà wasalt għalihom f'dawn il-konklużjonijiet, ma nqisx li huwa meħtieġ li nindirizza b'mod separat in-natura tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1/2003. Fil-fatt, kif issuġġerit fit-taqsimiet preċedenti, il-qrati tal-Istati Membri dejjem kellhom il-kompetenza japplikaw l-Artikolu 101(1) TFUE (bil-projbizzjoni sostantiva tiegħu) *skont is-setgħat rispettivi tagħhom* u *għall-finijiet tal-proċeduri quddiemhom*. Hemm, għalhekk, ftit ħtieġa għall-Qorti tal-Ġustizzja li tqis fil-kuntest ta' din il-kawża jekk, u minn meta eżattament, kienx hemm ukoll "sors" ta' liġi sekondarja ta' responsabilizzazzjoni skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1/2003.

92. Għal darba oħra nixtieq nagħmel enfażi fir-rigward ta' "skont is-setgħat rispettivi tagħhom" li dawk il-qrati nazzjonali diġà għandhom skont id-dritt nazzjonali. Kif il-konvenuti u l-Kummissjoni jinnotaw b'mod korrett, "is-sistema tranżitorja" tal-Artikoli 103 u 104 TFUE ma tat ebda setgħa espliċita lil qrati nazzjonali. Fil-fatt, il-qrati nazzjonali ma jistgħux ikollhom,

65 Ara iktar 'il fuq, il-punti 30 sa 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

66 Ara l-punt 29 tal-Avviż dwar kooperazzjoni bejn qrati nazzjonali u l-Awtorità ta' Sorveljanza fl-applikazzjoni tal-Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim ŻEE (ĠU 1995, C 112, p. 7).

fl-assenza ta' xi liġi nazzjonali li tgħid espliċitament hekk, mill-Artikolu 101(1) TFUE jew mill-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE, setgħat ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni bħal dawk mogħtija lill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-Istati Membri normalment imqabbda jinvestigaw ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni fi proċeduri amministrattivi apposta jew anki kriminali. Madankollu, bl-istess mod, dak il-qafas ukoll *ma seta' jieħu xejn* mill-qrati nazzjonali. Fi kliem sempliċi, dak il-qafas kostituzzjonali la ta lill-qrati nazzjonali u lanqas ħa xejn mingħandhom. L-ebda għamla ta' liġi tal-Unjoni primarja jew sekondarja ma pprovat tillimita l-kompetenza ta' qrati nazzjonali li japplikaw direttament l-Artikolu 101(1) TFUE jew l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE, meta parti tinvoka dawk id-dispożizzjonijiet f'kawżi quddiemhom, sabiex tħares id-drittijiet suġġettivi li joriġinaw mid-dritt tal-Unjoni.

93. L-azzjoni għal responsabbiltà mitluba mir-rikorrenti f'din il-kawża turi dan il-punt. Bħal kull qorti nazzjonali oħra fl-Unjoni, il-qorti tar-rinviju għandha l-kompetenza tiddetermina tali responsabbiltà skont ir-regoli nazzjonali rilevanti. Għall-finijiet ta' evalwazzjoni ta' ksur li jagħti lok għal tali responsabbiltà, il-kwistjoni jekk impriża tkunx kisret jew le l-obbligi legali tagħha tipikament hija l-ewwel element li għandu jkun stabbilit f'dak ir-rigward. Madankollu, dik l-evalwazzjoni naturalment tkun parti mid-deċiżjoni (tad-dritt privat) dwar responsabbiltà potenzjali, mhux minn sistema ta' infurzar tad-dritt pubbliku (u promossa minn awtorità amministrattiva).

94. Kieku kien mod ieħor, tali azzjonijiet ta' infurzar kienu jkunu dejjem biss ta' natura ta' "kontinwazzjoni", essenzjalment dipendenti fuq dikjarazzjoni preċedenti tad-dritt pubbliku f'dak is-sens (u preżubbilment identika fir-rigward tal-portata). Fil-każijiet l-oħra kollha, azzjonijiet "awtonomi" kienu jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE.

95. Madankollu, dak il-ħsieb (jew ċertament dak ir-riżultat) ikun sempliċement inkompatibbli man-natura tas-sistema u tal-ġurisprudenza ta' din il-Qorti tal-Ġustizzja[67]. Żgur, minħabba l-piż probatorju pjuttost tqil li kull rikorrent aktarx ikollu jiffaċċja f'azzjonijiet "awtonomi" tad-dritt privat għal ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, tali azzjonijiet aktarx ikunu rari fil-prattika. Għalhekk, id-deċiżjoni ta' awtorità pubblika, bħall-Kummissjoni, f'investigazzjoni attwali jew preċedenti aktarx li tkun tal-ikbar importanza għal azzjonijiet "awtonomi"[68]. Madankollu, huwa żbaljat jingħad, bħala kwistjoni ta' dritt, li l-ħtieġa ta' konsistenza u koordinazzjoni f'dan il-qasam tad-dritt tfisser li qrati nazzjonali ma jitħallewx jeżerċitaw dmirijiethom skont id-dritt tal-Unjoni u nazzjonali: li jipproteġu drittijiet individwali li joriġinaw ukoll minn dispożizzjonijiet direttament effettivi tad-dritt tal-Unjoni.

96. In-natura partikolari ta' tali propożizzjoni ssir anki iktar ovvja jekk wieħed kellu jqis il-mod standard li bih jiġi infurzat kull qasam ieħor tad-dritt amministrattiv, ikunux, pereżempju, il-liġi dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika jew ir-regoli relatati mas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. F'dawk l-oqsma aktarx ikun hemm awtorità speċjalizzata pubblika apposta, fil-livell nazzjonali, imqabbda tagħmel superviżjoni u infurzar tal-istandards sostantivi rilevanti. Madankollu, hemm xi ħadd li jissuġġerixxi li sempliċement għax awtorità pubblika partikolari ma

67 Ara, fost oħrajn, is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2001, Courage u Crehan (C-453/99, EU:C:2001:465, punti 26); tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et* (C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punti 60); tas-6 ta' Novembru 2012, Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684, punt 41); tas-6 ta' Ġunju 2013, Donau Chemie *et* (C-536/11, EU:C:2013:366, punt 21); tal-14 ta' Ġunju 2011, Pfleiderer (C-360/09, EU:C:2011:389, punt 28); tal-5 ta' Ġunju 2014, Kone *et* (C-557/12, EU:C:2014:1317, punt 21); tal-14 ta' Marzu 2019, Skanska Industrial Solutions *et* (C-724/17, EU:C:2019:204, punt 25) u tat-12 ta' Diċembru 2019, Otis Gesellschaft *et* (C-435/18, EU:C:2019:1069, punt 22).

68 Ukoll, sabiex tantiċipa kull riskju ta' deċiżjonijiet kunfliġġenti – ara, b'mod ġenerali, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2000, Masterfoods vs HB (C-344/98, EU:C:2000:689, punti 59 u 60), jekk meħtieġ tagħti lok għal "Talba Zwartveld" – ara d-digriet tat-13 ta' Lulju 1990, Zwartveld *et* (C-2/88-IMM, EU:C:1990:315, punt 22).

tkunx investigat jew ma tkunx ressqet quddiem il-qrati (jew fil-fatt għamlet dan, iżda għal raġuni, kienet liema kienet, ma ssoktatx jew illimitat il-proċeduri amministrattivi), li l-istess imġiba ma setgħetx tagħti lok għal talbiet għal kumpens skont id-dritt privat minn persuni leżi?

97. Għal dawn ir-raġunijiet kollha ma nistax naqbel mal-analiżi approfondita tal-Qorti Għolja tal-Ingilterra u Wales fis-sentenza Emerald Supplies Ltd vs British Airways Plc[69], iċċitata mill-qorti tar-rinviju u diskussa mill-partijiet f'dawn il-proċeduri. Kif kont qiegħed nipprova nenfasizza fit-taqsimiet preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, l-ewwel, il-kompetenza tal-qrati nazzjonali li japplikaw is-sustanza tal-Artikolu 101(1) TFUE b'mod independenti, fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tas-setgħat tagħhom diġà previsti fid-dritt nazzjonali, bħall-azzjoni għal danni, ma kinitx, mhux bħall-infurzar amministrattiv, teħtieġ klawżola espliċita ta' responsabilizzazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni[70]. It-tieni, is-sentenzi de Geus, Asjes u Saeed, huma, fil-fehma tiegħi, parzjalment barra minn żmienhom. Ma jistgħux jiġu applikati għaċ-ċirkustanzi speċifiċi fil-kawża prinċipali minħbba li ebda waħda mill-kwistjonijiet li tikkondizzjona l-mod adottat hemmhekk fil-fatt ma tissemma dwar il-każ fil-kawża prinċipali[71].

98. Fi kliem ieħor, filwaqt li nirrikonoxxi kompletament il-ħtieġa ta' konsistenza interna skont l-Artikolu 101 TFUE, jiena sempliċement ma naqbilx, fil-kuntest speċifiku ta' dan il-każ, dwar ir-riduzzjoni *pars pro toto* mressqa minn ċerti partijiet ikkonċernati. Il-fatt li *parti mill-proċedura* għall-applikazzjoni amministrattiva tal-Artikolu 101 TFUE kienet f'xi stadji *ċentralizzata* ma jistax ifisser li *ħadd ieħor* ma seta' japplika s-*sustanza* li tinsilet minn dik id-dispożizzjoni, inklużi f'każijiet li fihom b'mod ċar ma jistax ikun hemm eżenzjonijiet jew eċċezzjonijiet.

99. Fil-fatt, dawn il-proċeduri kienu vjaġġ affaxxinanti lura fiż-żmien, jekk mhux assolutament eżerċizzju fl-arkeoloġija legali, li wassal tant lura sal-1962. Madankollu, filwaqt li dawn il-konklużjonijiet huma fil-biċċa l-kbira ċirkoskritti ħafna minn dak li llum huwa qafas legali mhux ta' żmienu, il-loġika li tiggwidah ma hijiex. Fil-livell strutturali, dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, li għandhom effett dirett, altrimenti jiġu infurzati quddiem il-qrati nazzjonali, irrispettivament miċ-ċentralizzazzjoni potenzjali tal-kompetenza amministrattiva (jew ta' parti minnha) ma' ċerti awtorijiet amministrattivi sabiex id-dispożizzjonijiet ikunu infurzati. Fil-kuntest partikolari tal-liġi tal-kompetizzjoni, dan ifisser li impriżi li jiksru r-regoli ta' kompetizzjoni ġusta ma jkunux jistgħu jistaħbew għax ma jkunx hemm infurzar amministrattiv, u għandhom jistennew li talbiet għal rimedju jinġiebu direttament quddiem il-qrati kompetenti tal-Istati Membri mill-partijiet li allegatament huma jkunu kkawżawlhom ħsara.

## V. Konklużjoni

100. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali, Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

Parti li allegatament tkun batiet ħsara minħabba l-koordinazzjoni ta' diversi elementi tal-prezz mitlub minn kumpanniji tal-ajru għal servizzi ta' trasport ta' merkanzija bl-ajru fuq rotot bejn ajruporti fl-Unjoni u/jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea, u bejn ajruporti f'dawk it-territorji u

[69] Sentenza tal-Qorti Għolja tal-Ġustizzja tal-Ingilterra u Wales, Chancery Division, tal-4 ta' Ottubru 2017 fil-kawża Emerald Supplies Ltd vs British Airways Plc [2017] EWHC 2420 (Ch), kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales (Sezzjoni Ċivili), tad-29 ta' Jannar 2019 fil-kawża La Gaitana Farms SA & Ors vs British Airways Plc [2019] EWCA Civ 37.

[70] Għall-kuntrarju tal-kawża Emerald Supplies Ltd vs British Airways Plc [2017] EWHC 2420 (Ch), [41] sa [52].

[71] Għall-kuntrarju tal-kawża Emerald Supplies Ltd vs British Airways Plc [2017] EWHC 2420 (Ch), punti 53 sa 63.

f'pajjiżi terzi, tista' tinvoka l-ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea quddiem qorti nazzjonali sabiex tikseb riassigurazzjoni mingħand dawk it-trasportaturi anki għaż-żmien li matulu l-Artikoli 104 u 105 TEU kienu għadhom japplikaw.